# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 24 ta’ April 2001.**

**Numru 3**

**Avviz numru 887/97 MM**

**Anthony Borg**

**vs**

**Avukat Dominic Cassar u Louis Bezzina fil-kwalita’ taghhom rispettivament ta’ President u Segretarju ta’ l-Ghaqda Muzikali Kuncizzjoni, u in rappresentanza ta’ l-Ghaqda u b’nota tas-16 ta’ Gunju 1998 Carmelo sive Charles Bondin fil-kwalita’ tieghu ta’ President attwali tal-Ghaqda msemmija assuma l-atti minflok l-Avukat Domnic Cassar u b’nota tal-5 ta’ Frar 2001 Salvino Zammit assuma l-atti minflok l-Avukat Dr. Domnic Cassar fl-istess kwalita’ premessa.**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza li qed tinghata fuq appell interpost mill-attur Anthony Borg kontra d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-3 ta’ Lulju 2000 f’din il-kawza liema sentenza taqra kif gej :-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-2 ta' Mejju 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jikkunsinnaw lill-attur it-TIMPANI, li qieghdha zzomm l-Ghaqda Muzikali San Gejtanu tal-Hamrun, wara li jigi ddikjarat illi l-istess TIMPANI huma proprjeta' tal-atturi u mhux tas-Socjeta'  Muzikali konvenuta. Bl-ispejjez.

Ghal fini ta' kompetenza, l-valur tal-istess TIMPANI qed jigi ddikjarat li ma jeccedix is-somma ta' Lm250.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament illi t-talba attrici hija rrita, nulla u inammissibbli ai termini tal-Artikolu 907(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan stante illi l-attur ghadu sallum ma hallasx l-ispejjez tal-kawza illi kien istitwixxa fuq l-istess meritu kontra l-istess Ghaqda konvenuta fl-ismijiet "Borg vs Dr A Farrugia Sacco nomine", liema kawza giet differita sine die fit-27 ta' Gunju 1989 u sussegwentement marret dezerta.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imma dejjem in via preliminari, l-attur ma jistghax jintavola din il-kawza wahdu stante illi tali kawza semmai tispetta lill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn martu, liema komunjoni hija rappresentata fil-gudizzju konguntement mill-konjugi Borg u mhux mill-attur wahdu.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-prova tal-proprjeta' trid issir mill-attur u l-Ghaqda konvenuta dejjem stqarret mal-istess attur illi hija lesta tikkonsenja t-Timpani jew xi proprjeta' ohra jekk issir prova soddisfacenti tal-proprjeta' tal-oggett mitlub. L-attur, qatt ma pproduca prova illi t-Timpani mitluba huwa proprjeta' tieghu u ppretenda billi illi l-Ghaqda toqghod fuq il-kelma tieghu illi dan it-Timpani huwa proprjeta' tieghu - haga illi l-ebda korp jew enti ma jista' jaccetta jekk irid jagixxi b'mod responsabbli. Mill-provi li ghandha fil-pussess taghha l-Ghaqda jirrizulta invece illi t-Timpani mitlub huwa proprjeta' tal-Ghaqda u mhux tal-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:
Illi din il-kawza tirrigwarda talba tal-attur ghar-ritorn minghand is-socjeta' konvenuta ta' sett Timpani li huma strumenti muzikali, illi l-attur qieghed jallega li huma proprjeta' tieghu. Minnahha l-ohra s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi l-attur qatt ma pprova

sodisfacentement illi dawn it-Timpani huma proprjeta' tieghu, anzi mill-provi li ghandha rrizulta illi dawna ma kienux.

Ma huwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-proprjetarju originali ta' dawn it-Timpani kien Dun Guzepp Cachia, illum qassis anzjan izda xehed permezz tal-Magistrat Supplenti f'seduta illi saret apposta fid-9 ta' Lulju 1998. F'din is-seduta saret referenza ghal zewg dikjarazzjonijiet illi gew maghmula mill-istess Dun Guzepp Cachia, wahda fit-30 ta' Jannar 1988 (fol 50) u ohra tal-20 ta' Jannar 1997 (fol 51).

L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-iskorta ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kif ukoll fuq l-iventarju tal-kazin ta' l-Ghaqda tal-Kuncizzjoni fejn dawn it-Timpani jidhru li huma registrati taht ismu.

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa midhla sew tal-Kazin tal-Banda tal-Kuncizzjoni tal-Hamrun tant illi gie dikjarat bhala fundatur ta' din il-banda. Jghid ukoll li huwa kien jaghmel hafna xoghol ghal din il-banda u kullma talabhom kien biss illi meta jkollhom xi strumenti zejda dawna jghadduhomlu. Jsemmi ittra datata 14 ta' Awissu 1990 fejn is-socjeta' konvenuta kienet taghtu xi strumenti u ssemmew ukoll dawn it-Timpani li kienu ghand Dun Guzepp Cachia u li l-kumitat kien ser jaghmel minn kollox biex jitlobhom lura minghand Dun Guzepp Cachia u jaghtihom lill-attur.

Il-Qorti ssib illi x-xhieda illi ta l-attur mihiex konsistenti, almenu zgur ghal dak li hija kronologija. L-ewwel dokument li jirriferi ghal dan it-Timpani jirrizali sat- 30 ta' Jannar 1988 meta Dun Guzepp Cachia "di proprio pugnio" ghamel dikjarazzjoni fejn ikkonkluda illi "………ghalhekk il-Kazin Kuncizzjoni jkun proprjetarju ta' dan it-Timpani". Jekk fl-1988 dawn it-Timpani diga ddikjarati bhala proprjeta' tal-Kazin tal-Kuncizzjoni l-Qorti ssibha difficli kif jista jkun illi f'Awissu 1990 dawn it-Timpani kienu ghadhom fil-pussess ta' Dun Guzepp Cachia. Ghalhekk ma jistax ikun illi hawnhekk qieghdin nitkellmu fuq l-istess strumenti. Barra minnhekk Dun Guzepp Cachia ghamel dikjarazzjoni ohra fl-20 ta' Jannar 1997 fejn ghad li giet redatta minn Dr Karmenu Mifsud Bonnici, Dun Guzepp Cachia ffirma din id-dikjarazzjoni li tghid fost affarijiet ohra illi kellu l-hsieb illi dawn it-Timpani jmorri ghall-Kazin tal-Banda tal-Kuncizzjoni.
Fix-xhieda illi ta quddiem il-Magistrat Supplenti (Fol 48) Dun Guzepp Cachia jghid: " niftakar illi meta qalli jtighielna huwa kien qed jirreferi ghal xi entita u mhux ghalih jew ghal uliedu".

Kif gia nghad l-attur rabat it-talba tieghu fuq il-lista tal-istrumenti li kellha l-Banda tal-Kuncizzjoni tal-Hamrun. Fil-bidu ta' din il-lista hemm dikjarazzjoni "Lista ta' strumenti - propjeta' ta' Toni Borg

(Fondatur tal-Banda Kuncizzjoni) illi huma mislufin lill-Kazin tal-Banda Kuncizzjoni Hamrun". F'din il-lista hemm inkluzi Timpani tad-ditta Ferro Roth Milano.

Mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti ma rrizultax min ghamel dan l-inventarju jew meta sar, ukoll jekk humiex jitkellmu fuq l-istess Timpani illi l-attur jippretendi li huma tieghu. Zgur jidher illi hemm daqsxejn ta' konflitt bejn id-dikjarazzjoni f'dan l-inventarju u d-dikjarazzjonijiet li kien ghamel Dun Guzepp Cachia l-proprjetarju originali ta' dawn it-Timpani. Ma hemmx dubbju li Dun Guzepp Cachia kellu l-intenzjoni illi dawn it-Timpani jmorru ghall-Kazin u mhux ghal Toni Borg personalment. Dana johrog car mid-dikjarazzjonijiet li ghamel Dun Guzepp Cachia kemm fl-1988 kif ukoll fl-1997. Ghalhekk il-Qorti difficli tifhem kif dawn it-Timpani setghu jkunu nkluzi fil-lista tal-Kazin bhala proprjeta tal-attur, dejjem jekk qed nitkellmu fuq l-istess strumenti.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-attur a fol 12 tal-process fejn ighid illi huwa ma kienx jaf bid-dikjarazzjoni li kien ghamel Dun Guzepp Cachia fl-1988 u rabat hafna fuq id-dikjarazzjoni ta' l-istess Dun Guzepp Cachia tal-1997 fejn inghad illi dawn it-Timpani gew moghtija lilu bla ebda kondizzjoni. Filwaqt li huwa minnu illi fid-dikjarazzjoni tal-1997 Dun Guzepp Cachia jghid li huwa ma ghamel l-ebda kundizzjoni pero' jghid car u tond illi kellu l-hsieb illi dawn it-Timpani jmorri ghall-Kazin tal-Banda Kuncizzjoni. Dan il-hsieb hu konformi mad-dikjarazzjoni tieghu tal-1988 u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi meta dawn it-Timpani gew ikkonsenjati lill-attur, gew ikkonsenjati bil-hsieb li jmorru ghall-Kazin tal-Banda Kuncizzjoni u mhux ghall-attur personalment. Ghalhekk illum ma jistax javvanta drittijiet ta' proprjeta' fuq dawn it-Timpani.

Ghal dawn il-motivi,

Wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

L-attur ipprezenta r-rikors tal-appell tieghu fit-18 ta' Lulju 2000 u permezz tieghu talab li din Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

Is-socjeta' appellata prezentat risposta ghall-appell fit-3 ta' Awissu 2000 fejn hija tat ir-ragunijiet taghha in sostenn tat-tezi illi l-appell odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Essenzjalment l-attur appellant qieghed jaghmel l-istess sottomissjonijiet illi ghamel fil-prim'istanza u jippretendi illi partikolarment mill-istqarrijiet ta' Dun Guzepp Cachia u mir-records tas-socjeta' tal-Ghaqda Muzikali Kuncizzjoni l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi quddiemha biex setghet, kif kien doveruz ghaliha, tiddeciedi l-oppost ta' kif iddecidiet u cioe' billi takkolji t-talbiet attrici.

Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali kollha u d-depozizzjonijiet kollha moghtija partikolarment dik tal-attur appellant kif ukoll id-dikjarazzjoni li kien ghamel ir-Reverendum Dun Guzepp Cachia kif ukoll ix-xhieda tieghu fin-1997 u partikolarment id-dikjarazzjoni tal-istess Reverendum li kopja taghha tinsab a fol. 50 tal-process li tirrisali ghat-30 ta' Gunju 1988 fejn espressament jiddikjara illi kien taha lill-attur Timpani qadim biex jaghtih lill-Kazin tal-Kuncizzjoni Hamrun ghall-banda tal-istess Kazin.  Hu izid jghid f'dik id-dikjarazzjoni illi l-hsieb tieghu kien li jaghti dan l-instrument lill-attur bhala fundatur tal-istess banda bil-hsieb li jintuza mill-Ghaqda Kuncizzjoni Hamrun u ghalhekk il-Kazin Kuncizzjoni jkun proprjetarju ta' dan it-Timpani.

Fl-assjem ta' dawn il-provi, u tenut kont anke tal-fatt tar-records, cioe' tal-inventarju tal-Kazin u ta' dak illi xehed l-attur innifsu din il-Qorti

jidhrilha illi hu l-kaz li tikkondividi pjenament l-apprezzament illi ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti meta ddecidiet li ma taghtix affidament lit-tezi, lill-verzjoni tal-attur. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-fehma tal-ewwel Onorabbli Qorti illi jekk hemm xi prova din hija tendenti li tindika b'mod pjuttost assolut illi ma jistax ikun hemm dubbju li l-proprjeta' ta' dan it-Timpani hija tal-Ghaqda, cioe' tal-Ghaqda konvenuta appellata u mhux tal-attur.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi hu l-kaz illi tbiddel xejn mis-sentenza appellata li ghalhekk ser tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Dep/Reg

mg